**Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Pakkett ta' Dejta Miftuħa tal-Kummissjoni Ewropea inkluża Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku (PSI), il-Komunikazzjoni dwar Dejta Miftuħa u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni**

*(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-EN, FR u DE fuq il-websajt tal-KEPD http://www.edps.europa.eu)*

(2012/C 335/06)

## 1. Introduzzjoni

### 1.1. *Sfond*

1. Fit-12 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni adottat Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku (PSI) (il-"Proposta") ([1]). Il-Proposta hija parti mill-"Pakkett ta' Dejta Miftuħa", li tinkludi wkoll żewġ dokumenti oħrajn adottati fl-istess jum: (i) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem ta' "Dejta miftuħa – Mezz għall-innovazzjoni, it-tkabbir u l-governanza trasparenti" (il-"Komunikazzjoni") ([2]) u (ii) Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (id-"Deċiżjoni") ([3]).

2. Il-KEPD ma ġiex ikkonsultat kif meħtieġ mill-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Din hija ħasra fir-rigward tal-ammont kbir ta' dejta personali li potenzjalment hija kkonċernata minn din l-inizjattiva. Għaldaqstant, din l-Opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 41(2) tal-istess Regolament. Il-KEPD jirrakkomanda li tiġi inkluża referenza għal din l-Opinjoni fil-preambolu tal-istrument adottat.

### 1.2. *Għanijiet u kamp ta' applikazzjoni tal-Proposta u d-Deċiżjoni; enfasi fuq l-Opinjoni tal-KEPD*

3. L-għan tal-Proposta huwa li taġġorna u li temenda t-test eżistenti tad-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku (id-"Direttiva dwar il-PSI").

4. Id-Direttiva dwar il-PSI għandha l-għan li tħaffef l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku fi ħdan l-Unjoni Ewropea billi tarmonizza l-kundizzjonijiet bażiċi għall-użu mill-ġdid u t-tneħħija tax-xkiel għall-użu mill-ġdid fis-suq intern. Id-Direttiva dwar il-PSI fiha dispożizzjonijiet dwar in-nondiskriminazzjoni, il-ħlas, arranġamenti esklussivi, trasparenza, għodod ta' ħruġ ta' liċenzji u prattiċi biex iħaffu l-iskoperta u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti pubbliċi ([4]).

5. Wieħed mill-għanijiet politiċi ewlenin il-ġodda tal-Proposta, kif inhu spjegat fit-Taqsima 5.1 tal-Komunikazzjoni, huwa l-għan ta' introduzzjoni tal-"prinċipju li l-informazzjoni pubblika kollha li mhijiex esplicitament koperta b'waħda mill-eċċezzjonijiet tista' tintuża mill-ġdid għal finijiet kummerċjali u mhux kummerċjali". ([5]) B'mod partikolari, l-emenda proposta għall-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar il-PSI teħtieġ b'mod speċifiku li l-Istati Membri jiżguraw li d-"dokumenti eżistenti" miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku tal-Istati Membri "ikunu jistgħu jintużaw mill-ġdid għal finijiet kummerċjali u mhux kummerċjali".

6. Dispożizzjonijiet ġodda relevanti oħrajn tal-Proposta jinkludu, soġġetti għal xi eċċezzjonijiet, il-limitazzjoni fuq l-ammonti li jistgħu jintalbu mis-settur pubbliku għall-informazzjoni użata mill-ġdid għall-"ispejjeż marġinali mġarrba bir-riproduzzjoni u t-tixrid" (Artikolu 6(1) rivedut). Barra minn hekk, il-Proposta tespandi wkoll il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-PSI biex tinkludi libreriji, arkivji, mużewijiet u libreriji tal-universitajiet.

7. L-għan tad-Deċiżjoni huwa li tistabbilixxi r-regoli applikabbli għall-Kummissjoni għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti tagħha stess.

([1]) COM(2011) 877 finali.
([2]) COM(2011) 882 finali.
([3]) 2011/833/UE.
([4]) Ara l-Memorandum ta' Spjegazzjoni għall-Proposta, Taqsima 1.
([5]) Ara wkoll it-Taqsima 3.2, para 6 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni għall-Proposta li titlob li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni biex "tiggarantixxi" li "l-użu mill-ġdid ikun permess għal dejta bażika ta' valur tas-settur pubbliku fl-Istati Membri kollha"; u t-Taqsima 5, l-intestatura "Emendi leġiżlattivi", inċiż (iii) tas-Sommarju Eżekuttiv tal-Valutazzjoni tal-Impatt, li titlob li jsir "l-emendar tal-prinċipju ġenerali biex id-dokumenti aċċessibbli jkunu jistgħu jintużaw mill-ġdid".

8. Fit-Taqsimiet 2 u 3, din l-Opinjoni tixħet dawl fuq il-Proposta nnifisha filwaqt li t-Taqsima 4 tikkummenta fil-qosor dwar id-Deċiżoni. It-Taqsima 2 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn tħassib dwar il-protezzjoni tad-dejta relatat mad-dejta miftuħa, bl-isfidi u l-kunsiderazzjonijiet li jservu ta' punti importanti ta' referenza u jiddeterminaw, fil-parti l-kbira tagħhom, l-approċċ li l-KEPD jieħu fir-rakkomandazzjonijiet iktar speċifiċi tiegħu fit-Taqsima 3.

## 5. **Konklużjonijiet**

72. L-użu mill-ġdid ta' PSI li fiha dejta personali jista' jġib miegħu benefiċċji notevoli, iżda jinvolvi wkoll riskji konsiderevoli għall-protezzjoni ta' dejta personali. Fid-dawl ta' dawn ir-riskji, il-KEPD jirrakkomanda li l-Proposta tiddefinixxi b'mod iktar ċar f'liema sitwazzjoni u għal liema salvagwardji hija soġġetta l-informazzjoni li fiha dejta personali tista' tintalab biex titqiegħed għad-dispożizzjoni għal użu mill-ġdid. B'mod partikolari, il-Proposta għandha:

— tistabbilixxi b'mod iktar ċar il-kamp ta' applikazzjoni tal-applikabilità tad-Direttiva dwar il-PSI għad-dejta personali (Taqsima 3.1);

— teħtieġ li ssir valutazzjoni mill-korp tas-settur pubbliku kkonċernat qabel kwalunkwe PSI li jkun fiha dejta personali tkun tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni għal użu mill-ġdid (Taqsima 3.1);

— fejn xieraq, teħtieġ li d-dejta tkun kompletament jew parzjalment anonimizzata u l-kundizzjonijiet ta' ħruġ ta' liċenzji jipprojbixxu b'mod speċifiku l-identifikazzjoni mill-ġdid ta' individwi u l-użu mill-ġdid ta' dejta personali għal finijiet li jistgħu jaffettwaw lis-suġġetti tad-dejta b'mod personali (Taqsimiet 3.2 u 3.3);

— teħtieġ li t-termini tal-liċenzja għal użu mill-ġdid ta' PSI jinkludu klawżola ta' protezzjoni tad-dejta, kull meta tiġi pproċessata dejta personali (Taqsima 3.3);

— fejn ikun hemm bżonn, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni r-riskji għall-protezzjoni tad-dejta personali, teħtieġ li l-applikanti juru (permezz ta' valutazzjoni tal-impatt tad-dejta jew xi mod ieħor) li kwalunkwe riskju għall-protezzjoni ta' dejta personali jiġi indirizzat b'mod adegwat u li l-applikant jipproċessa d-dejta b'konformità mal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta (Taqsima 3.3);

— tiċċara li l-użu mill-ġdid jista' jsir kontinġenti skont l-iskop li għalih isir l-użu mill-ġdid, b'deroga mir-regola ġenerali li tippermetti li jsir użu mill-ġdid għal kwalunkwe skop kummerċjali u mhux kummerċjali (Taqsima 3.3);

73. Barra minn hekk, il-KEPD jissuġġerixxi:

— li jiġi kkunsidrat li jitħallew jintalbu spejjeż ta' pproċessar minn qabel (bħal diġitalizzazzjoni), anonimizzazzjoni u aggregazzjoni lid-detenturi tal-liċenzji, fejn xieraq (Taqsima 3.5), u

— li l-Kummissjoni tiżviluppa iktar gwida, li tiffoka fuq l-anonimizzazzjoni u l-ħruġ ta' liċenzji u tikkonsulta lil WP29 f'dan ir-rigward (Taqsima 3.6).

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' April 2012.

Peter HUSTINX

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*